**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 15/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 14 ta' Jannar 2021, fejn espona bir-rispett u ikkonferma ;**

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lil AB, permezz ta' cerimonja religjuza fid- 29 ta' April 2000, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg , anness, u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Ruben

Debono fid- 9 ta’ Mejju 2013, kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B, u b’ hekk ilhom izjed minn seba’ snin legalment seperati minn xulxin;

3. Illi minn daz-zwieg il-partijiet ghandhom wild wahda, cjoe’ DB, li twieldet nhar it- 22 ta’ Ottubru 2001, b’ hekk illum il-gurnata hija maggorenni. Illi di piu’ DB ma tattendi ebda skola u b’ hekk l-estremi tal-artikolu 3 B (2) tal-kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta ma humiex applikabbli ;
4. Illi b’ hekk ma hemm ebda manteniment dovut la lejn il-partijiet u lanqas lejn il-wild taghhom.
5. Illi llum il-gurnata ma hemmx ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-parijiet, stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap 16 tal-ligjiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-aritkolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat in-nota guramentata ta’ CB datata 5 ta’ Mejju 2021 fejn ;**

1. Peress taghha qed tammetti t-talbiet mressqa minn AB u cjoe’ sabiex din l-Onorabbli Qorti  tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-parijiet, bil-konsegewenzi li dana kollu jgib mieghu, u dan peress illi apparti li hi taqbel ma’ dan u mhux topponi ghall-istess talbiet , hija tal-fehma li effetivament jirrikorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghal hall taz-zwieg taghhom.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**